MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2016**

Rikors Maħluf Numru: 565/15 LM

**John David Galea (ID 115367M)**

**vs.**

**Allcare Insurance Limited (C58360) u b'digriet tal-21 ta' Ottubru, 2015 is-soċjetà Mapfre Middlesea plc assumiet l-atti tal-kawża minflok Allcare Insurance Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **John David Galea** (minn issa 'l quddiem "l-attur") ippreżentat fl-10 ta' Ġunju, 2015 fejn ippremetta u għar-raġunijiet imfissra talab illi din il-Qorti:

1. *Illi fit-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) seħħ inċident awtomobilistiku fix-Xatt tal-Birgu, Bormla bejn il-vettura FFL 001 misjuqa mill-attur John David Galea u l-vettura ALE 222 assigurata mas-soċjetà konvenuta Allcare Insurance Limited u misjuqa mill-assigurat tagħha Alessandro Zerafa (Dok. JG1), f'liema inċident l-attur ġarrab id-danni u sofra wkoll debilità permanenti (Dok. JG2 u Dok. JG3[1]).*

2. *Illi dan l-inċident seħħ unikament bi ħtija tal-assigurat tas-soċjetà konvenuta minħabba negliġenza, imprudenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu, u għalhekk is-soċjetà konvenuta Allcare Insurance Limited, bħala assikuratrici tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ALE 222 fil-mument tal-incident, hija responsabbli li tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-attur John David Galea a tenur tal-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni - Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Illi fil-fatt is-soċjetà konvenuta Allcare Insurance Limited ġja aċċettat ir-responsabblità għal dan l-inċident meta ħallset għad-danni għar-rigward tal-vettura tal-attur John David Galea lis-soċjetà assiguratrici tiegħu.*

4. *Illi l-attur interpella lis-soċjetà konvenuta Allcare Insurance Limited sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni l-oħra minnu sofferti inkluż damnum emergens u lucrum cessans minnu sofferti b'konsewgwenza ta' 'l fuq imsemmi inċident inkluż b'ittra ufficjali tat-tlieta (3) ta' Diċembru, 2014 (Dok. JG4)[recte] iżda s-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti.*

[1] Għad li fir-Rikors Maħluf isir riferiment għal "Dok JG3", dan mhuwiex esebit in atti.

*5. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà konvenuta għaliex, għar-raġunijiet premessi, dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna, m'għandhiex:*

*i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà konvenuta Allcare Insurance Limited hija responsabbli għad-danni sofferti mill-attur fl-inċident fuq imsemmi tat-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) fi Triq San Ġwann Għuxa, Bormla;*

*ii. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident;*

*iii. Tikkundanna u tordna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas dawn id-danni lill-attur hekk kif likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kollha kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-tlieta (3) ta' Diċembru, 2014 kontra s-soċjetà konvenuta li r-rappreżentanti ġuridiċi tagħha huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Allcare Insurance Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") ippreżentata fit-13 ta' Lulju, 2015 li permezz tagħha eċċepiet:

*1. Illi r-responsabilità tal-inċident mertu tal-kawża odjerna mhijiex qed tiġi kkontestata;*

*2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur irid iġib l-aħjar prova tad-danni sofferti b'konsegwenza tal-inċident.*

Rat li b'digriet tal-21 ta' Ottubru, 2015 is-soċjetà **Mapfre Middlesea plc** assumiet l-atti tal-kawża minflok Allcare Insurance Limited stante trasferiment ta' negozju bejn l-istess Allcare Insurance Limited u Mapre Middlesea plc.

Rat li b'verbal fl-udjenza tal-11 ta' Jannar, 2016 ġie ddikjarat mis-soċjetà konvenuta li l-perċentwal ta' diżabilità ta' 6% ikkonstatata fil-persuna tal-attur mill-espert mediku *ex parte* Frederick Zammit Maempel[2] permezz tar-rapport tat-28 ta' Diċembru, 2014, mhix ikkontestata.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda mressqin mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

[2] Fol 14. Kopja ġuramentata tal-istess rapport hija esibita a fol. 73.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabelxejn din il-Qorti tirrileva illi l-post fejn seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża kif indikat fl-ewwel premessa tar-Rikors Maħluf u ċjoè x-Xatt tal-Birgu, Bormla, huwa differenti mill-post tal-inċident kif indikat fl-ewwel talba attriċi, u ċjoè Triq San Ġwann Għuxa (sic), Bormla. Peress li mill-provi jirriżulta li l-inċident inkwisjoni seħħ fix-Xatt tal-Birgu[3], il-Birgu u mill-atti tal-kawża jirriżulta wkoll illi r-responsabbiltà għall-inċident inkwistjoni mhijiex ikkontestata, din il-Qorti ma tħoss illi dawn l-ineżattezzi m'għandhom ikunu ta' ebda xkiel għall-prolazzjoni tas-sentenza.

Illi jgħodd sewwa għall-parametri li fihom il-litiganti jpoġġu din il-kawża dan il-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Safety & Security Management Limited vs. Emanuel Spiteri,** 12.03.2010:

> "F'materja ta' danni hu ben assodat illi l-kundanna dwarhom tippresupponi ħtija f'min ikun ġabhom fis-seħħ. Ħtija din li trid *per forza* tirriżulta minn xi att jew trasgressjoni tad-dover u mankanza tad-debita diliġenza, għal liema jirreferu l-Artikoli 1031 u 1032[4] tal-Kodici Ċivili. Bir-ragun, kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet **George Thomas Davison vs. Joseph Azzopardi *nomine***, Appell Kummerċjali, 02.03.1962, 'mill-analisi tal-istess disposizzjonijiet tal-liġi jirriżulta illi għall-applikazzjoni tagħhom għandhom jikkonkorru tliet elementi li huma (1) il-fatt

[3] Ara r-*Road Accident Report* li jinsab esebit a fol. 5 *et seq.* tal-proċess.

[4] Art. 1032 Kod. Ċiv: "(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. (2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar."

> dannuż illeċitu, (2) l-imputabilità tal-istess fatt għal min ikun għamlu, u (3) id-dannu kaġonat minn dak l-istess fatt.'
>
> Kif ġie rimarkat f'sentenza reċensjuri ta' din il-Qorti, kif presjeduta, 'il-fatt biss tad-dikjarazzjoni tar-responsabilità għad-danni ma jfissirx neċessarjament li d-danni tassew jeżistu. Jaggrava dejjem fuq il-kreditur tal-obbligazzjoni li jipprova l-eżistenza u l-entità tad-danni li hu jallega li sofra' (**Joe Xuereb Co. Ltd vs. Marlene mart Francis Xuereb et**, 30.06.2005).[5]"

Illi t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta hija proprju f'dan is-sens. Is-soċjetà konvenuta qed taċċetta r-responsabilità għall-inċident, iżda qed tinsisti li l-attur iġib il-prova tad-danni li qed jallega li sofra kawża tal-istess incident.

Illi ngħad ukoll li "min hu responsabbli għad-dannu għandu jħallas kull dannu li raġonevolment jitqies bħala konsegwenza diretta tal-fatt illeċitu" (**Carmelo Bugeja vs. Lorenzo Cassar**, Appell Ċivili, 01.04.1966 u **Joseph Aquilina vs. Emmanuele Schembri**, Appell Ċivili, 24.01.1969). Dan ifisser illi:

i. min isofri l-ħsara għandu kemm jista' jkun jiġi riżarċit għat-telf pekunjarju u patrimonjali tiegħu;

ii. basta però, li d-danni subiti jkunu f'rapport immedjat u prossimu mal-event illeċitu.

Dak li verament jinteressa l-vertenza bejn il-partijiet f'din il-kawża hu jekk għad-danni pretiżi, konsistenti fil-kiri ta' vettura sostituttiva, kellux jagħmel

[5] **Francis Ciantar vs. Norman Clews** - 12.10.2005 – PA.

tajjeb il-konvenut. F'rapport imnissel minn trasgressjoni *ex-delicto,* kif inhu l-każ hawnhekk,

> "ir-responsabilità tad-danneġġjanti hi ċirkoskritta għall-konsegwenzi probabbli tal-kondotta tiegħu, u mhux ukoll biex iwieġeb għal kwalsiasi konsegwenza indiretta jew remota li tista' tiddixxendi mill-operat tiegħu. Fi kliem ieħor… hu mistenni li d-danneġġjant jagħmel tajjeb għal dawk id-danni li huma verament immedjati u prossimi b'rabta mal-event li skaturihom. Il-Qorti tifhem illi biex wieħed japprezza sew jekk ċerta konsegwenza determinata taqax f'dan il-parametru għandu utilità siewi l-kriterju tal-prevedibilità in bażi għar-regola tal-probabilità, solitament adoperata fir-riċerka tar-responsabilità (ara, ad eżempju, **Francis Coleiro *nomine* vs. Carmelo Cassar**, Appell Ċivili, 24.04.1964). Fil-każ ta' danni b'dan l-istess kriterju wieħed ikun jista' jiddeżumi jekk huwiex normali li minn ċertu event jipproduċu ruħhom żviluppi suċċessivi".[6]

Illi f'dan il-każ, l-attur mhux qed jitlob danni għall-ħsarat li ġarrbet il-vettura tiegħu konsegwenza tal-inċident awtomobilistiku inkwistjoni billi s-soċjetà konvenuta diġà kkompensatu għal dawn id-danni.[7] L-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta' *damnum emergens* ieħor apparti l-karozza, kif ukoll għal *lucrum cessans* derivanti mid-diżabilità fiżika illi sofra.

Illi ma hemmx dubbju li d-diżabilità konstatata mill-espert mediku kienet konsegwenza tal-inċident u mhux kawża ta' xi event ieħor li m'għandux x'jaqsam miegħu u li seta' seħħ qabel jew wara l-inċident inkwistjoni. L-attur stqarr mal-espert mediku *ex parte* li ma kellu l-ebda storja medika qabel l-inċident u b'mod speċifiku stqarr miegħu li qatt ma weġġa' l-polz tal-id ix-xellugija u li dan qatt wera xi sintomi qabel l-inċident.

[6] **Safety & Security Management Limited vs. Emanuel Spiteri** – Appelli (Inferjuri) 12.03.2010.
[7] Rikors Maħluf, para. 3, a fol. 2.

Illi kwantu għar-rata perċentwali ta' diżabbiltà permanenti ta' 6% kif ikkonstatata fil-persuna tal-attur mill-espert mediku *ex parte* Mr Frederick Zammit Maempel permezz ta' rapport datat 28 ta' Diċembru, 2014, ġaladarba s-soċjetà konvenuta ddikjarat li taqbel magħha [8] u li mhix qiegħda tikkontestaha, ma tistax imbagħad fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha indirettament tikkontesta l-imsemmija rata ta' diżabilità permanenti billi ssostni illi jista' jagħti l-każ li din tista' tonqos permezz ta' xi intervent kirurġiku.

Illi fl-inċident inkwistjoni, li kien jikkonsisti f'ħabta awtomobilistika li seħħet fit-2 ta' Marzu 2013, il-vettura tal-assikurat tas-soċjetà konvenuta qalbet għan-naħa tat-triq tal-vettura tal-attur, baqgħet dieħla fuqha fuq in-naħa tax-xufier li kien l-attur. Bl-impatt, il-karozza tal-attur tkaħħlet ma' bankina, infetħet l-*air bag*, li lwiet is-subgħa l-kbir *(thumb)* tal-id xellugija tal-attur u kkawżatlu ksur fl-għadam.

**<u>Lucrum cessans</u>**

Illi meta seħħ l-inċident, l-attur kien qed jiċċelebra għeluq sninu, is-46 sena tiegħu. Huwa talab likwidazzjoni tad-danni abbażi ta' ħajja lavorativa sa 59 sena, ċjoè *multiplier* ta' 13-il sena. Dan ma jistax ma jitqiesx raġonevoli fi żmien meta l-ħajja lavorativa llum il-ġurnata hija iktar minn 59 sena, tant li qed tiġi estiża fl-Unjoni Ewropea inkluż Malta għal 65 sena. Raġonevoli, u

[8] Ara l-verbal tal-11 ta' Jannar, 2016.

konformi mal-prattika tal-Qrati tagħna, ikun it-tnaqqis ta' 20% għal *lump sum payment* kemm-il darba l-kumpens jingħata fi żmien qasir. Fis-sena li fih seħħ l-inċident (2013), id-dħul gross tal-attur kien ta' €21,711 filwaqt li s-sena ta' wara (2014) id-dħul kien ta' €27,700. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jikkalkula d-dħul tiegħu annwali abbażi tas-somma ta' €32,000 aktarx biex iqis inflazzjoni u għoli eventwali fis-salarju. B'danakollu din il-Qorti tħoss li ġaladarba l-kumpens qed jiġi likwidat b'din is-sentenza fi żmien relattivament qasir u kkunsidrat il-fatt li l-attur jiffranka ftit taxxa fuq id-dħul, għandha tittieħed is-somma ta' €27,700 bħala d-dħul annwali. Għalhekk il-*lucrum cessans* qiegħed jiġi likwidat kif ġej:

**€27,700 x 13 x 6% - 20% = €17,284.80**

Illi l-attur qiegħed jitlob kumpens għal tmien ġimgħat li fihom ma ħadimx. B'danakollu, ma jirriżultax li huwa ma kienx imħallas tas-*sick leave* li ħa jew li rċieva ħlas imnaqqas, tant hu hekk meta ġie mistoqsi dwar dan huwa stqarr "jidhirli li iva, mhux ċert. Bħala impjegat bqajt għaddej normali". [9] Għaldaqstant din it-talba partikulari tal-attur ma tistax tkun milqugħha.

Illi kwantu għat-tnaqqis ta' taxxa ffrankata għandu jingħad illi l-ġurisprudenza mhix konkordi dwar jekk għandhiex titnaqqas it-taxxa ffrankata. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur għamel riferiment għas-sentenza **George**

[9] A fol. 78.

**Zammit vs. Malta Freeport Terminals Limited et**[10], fejn il-Qorti naqqset ammont rappreżentanti t-taxxa approssimattiva dovuta fuq l-ammont likwidat bħala *damnum emergens*. L-attur ma jaqbilx li titnaqqas xi somma biex tagħmel tajjeb għat-taxxa li kien ikollu jħallas l-attur kieku fil-perijodu inkwistjoni kien qiegħed jaħdem u jirċievi s-salarju. F'dan ir-rigward l-attur għamel riferiment għas-sentenzi ta' din il-Qorti, **Caruana vs. Farrugia** (23 ta' Novembru, 1983) u **Muscat et vs. Schembri et** (27 ta' Jannar, 1972). Fit-tieni sentenza l-Qorti qalet li:

> "Il-Qorti għandha biss il-kompitu li tillikwida d-danni għat-telf ta' qligħ futur u mhux li tagħmilha ta' speci ta' *tax collector* bir-riżultat li tiffavorixxi lid-debitur tad-danni u taggrava d-danneġġat".

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-eżerċizzju li sar fil-kawża **George Zammit vs. Malta Freeport Terminals Limited et** ma wassalx biex iffavorixxa lid-debitur u ppreġudika lill-attur, iżda sabiex l-attur ma jingħatax flus li qatt ma kien ser idaħħal fil-but kieku ma seħħx l-inċident u tħallas il-paga. Meta l-Qorti tikkunsidra wkoll dan l-aspett fil-likwidazzjoni tad-danni, ma tkunx qiegħda tagħmilha ta' *tax collector* iżda tiżgura li l-attur ma jirċeviex dak li qatt ma kien ser jirċievi kieku ma seħħx l-inċident. Dik hi r-realtà u l-Qorti ma tistax tinjora dan l-aspett. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur qal li ".... hu dibattibbli kemm danni likwidati minn Qorti huma taxxabbli...". Però l-Artikolu 12(h) tal-Att dwar it-Taxxa (Kap. 123) jipprovdi li mhumiex taxxabbli:

[10] 16.06.2014 – P.A. (AE).

> "kull somma kapitali ........imdaħħla bħala kumpens konsolidat għal mewt jew korrimenti". – **Anthony Azzopardi vs. Anthony Caruana**, Prim'Awla (AE), 04.05.2015.

**Damnum emergens**

Illi m'hemmx dubju li l-attur huwa intitolat għal €250.84 bħala spejjeż mediċi li huwa inkorra.

Illi l-attur qiegħed jitlob ukoll €14,750 għal *electric winches* li kellu jistalla fid-dgħajsa tiegħu, li hija *sailing boat* u li juża għad-delizzju b'mod regolari. Din id-dgħajsa kienet titħaddem b'sistema manwali ta' *winches* tal-ħbula li biex titħaddem trid saħħa konsiderevoli b'żewġ idejn, ħaġa li skont ma jsostni l-attur ma jistax jagħmel aktar minħabba d-diżabilità tiegħu.

Illi is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha ssostniet fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha illi minkejja diżabilità permanenti li sofra l-attur, dan xorta waħda jista' jħaddem is-*sailing boat* tiegħu bil-mutur flok bil-qlugħ u għalhekk l-imsemmija *electric winches* mhumiex neċessarji biex l-attur ikun jista' juża d-dgħajsa tiegħu.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li ma tridx tkun xi espert fl-ibburdjar biex tasal għall-konklużjoni illi *sailing boat*[11] li għandha l-potenzjal illi tbaħħar fl-oċeani

[11] Tat-tip *Bavaria 36 with in mast furling system.*

bħalma hija d-dgħajsa tal-attur, żgur ma tirrealizzax il-potenzjal u l-valur sħiħ tagħha jekk titħaddem biss bil-mutur u sidha ma jkunx jista' jbaħħar ukoll bil-mezz tal-qlugħ. Il-*winches* manwali ċertament li ma jistgħux jintużaw sew b'id waħda biss. Għal minn hu dilettant tad-dgħajjes bil-qlugħ, it-tħaddim ta' *sailing boat* bil-mutur żgur li ma jagħtix l-istess pjaċir u sodisfazzjon bħalma jagħti t-tħaddim tal-istess *sailing boat* permezz tal-qlugħ.

Illi s-soċjetà konvenuta tilqa' għal dan fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[12] billi ssostni illi l-ammont li qiegħed jintalab għall-*electric winches* mhuwiex strettament neċessarju sabiex l-attur ikompli jgħix il-ħajja tiegħu b'mod komdu iżda huwa ammont li hu biss intiż sabiex huwa jkun jista' jgawdi aħjar il-passatemp tiegħu tal-ibburdjar.

Illi huwa prinċipju tad-dritt fil-kamp tal-kumpensazzjoni għal danni li "l-attur għandu kemm jista' jkun jiġi mqiegħed fil-pożizzjoni li hu kien ikollu kieku ma ġietx kaġjonata l-ħsara"[13]. Id-danneġġjat għandu l-jedd li jiġi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerġa' jitqiegħed raġonevolment fl-istat li kien fih qabel sofra l-ħsara. Dan għaliex ir-risarċiment għandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneġġjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli għalih li jġib miegħu l-event dannuż. Għalhekk ir-risarċiment għandu jikkonsisti f'somma li raġonevolment twassal għall-valur tal-utilitajiet mitlufa.[14]

---

[12] A fol. 100 tal-proċess.
[13] **John Tufigno vs. Joseph Micallef noe**, Qorti tal-Appell (Sede Ċivili), 23 ta' April, 1965.
[14] **Emmanuela Galea pro et noe vs Paolo Gatt et**, Qorti tal-Appell (Sede Ċivili); **Alfred Borg et nomine vs. Dennis sive Dionisio Gatt**, PA (JZM), 29 ta' Settembru, 2015; **Noel Pisani pro et nomine et vs. Adam Bartolo**, PA (JZM), 12 ta' April, 2016.

Illi fil-każ odjern din il-Qorti hija tal-fehma li m'għandux ikun hemm dubju li d-danni reklamati mill-attur għar-rigward tal-*electric winches* huma effett dirett u prevedibbli tad-diżabilità permanenti sofferta mill-attur konsegwenza diretta tal-inċident inkwistjoni. Ir-riżarċiment m'għandux ikopri biss dak li huwa strettament neċessarju biex l-attur ikompli jgħix ħajtu b'mod komdu kif sostnut mis-soċjetà konvenuta, imma għandu jkopri wkoll kull infieq meħtieġ biex l-attur ikun jista' jżomm l-istess livell ta' kwalità ta' ħajja li kellu, inkluż it-tgawdija tal-passetempi tiegħu, qabel ma seħħ l-event dannuż.

Illi l-istess ħaġa għandu jingħad għall-€1,000 li l-attur kellu jonfoq biex idaħħal vettura *automatic* minflok bil-*gearbox* manwali, li għaliha trid tintuża l-id ix-xellugija.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' t-talbiet tal-attur billi:**

i. **Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà konvenuta Mapfre Middlesea plc hija responsabbli għad-danni sofferti mill-attur fl-inċident tat-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) f'Xatt il-Birgu, il-Birgu;**

ii. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' tlieta u tletin elf, mitejn u ħamsa u tmenin euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€33,285.64);**

iii. **Tikkundanna u tordna lis-soċjetà konvenuta sabiex thallas dawn id-danni lill-attur hekk kif likwidati minn dina l-Qorti bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv, bl-ispejjeż kollha kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-tlieta (3) ta' Diċembru, 2014 kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.